**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 36 – 13 ta' Settembru 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 36.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Hadd | |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda rapprezentant tal-pubbliku prezenti.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' agenda 34 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Punt 2.4.1. pagna 218, tizdied il-frazi "ghall-progett tal-Kunsill Lokali taz-Zghazagh" wara s-sentenza "Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 2.13 tal-minuti u talab li jkun jaf kienx hemm xi zviluppi dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill."

1.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar gibed l-attenzjoni li mal-minuti kien hemm nieqsa l-iskedi tal-pagamenti. Is-Segretarju wiegeb li dan gara bi svista,

1.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' agenda 35 jigu approvati hekk kif emendati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

.

Il-Minuti ta' Agenda 35 gew approvati. (54)

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar ghamel referenza ghal punt 7.7 tal-minuti rigward ilma hiereg fi triq il-Kurkanta. Il-Vici Sindku spjega li ghalkemm ma kienx sar ix-xoghol ma jfissirx li ma sarx ir-rapport, filwaqt li rrimarka li l-ilma kienu ilu hafna iktar hiereg u l-Kunsillier Cortis qatt ma rraporta. Il-Vici Sindku qal li r-rapport lilu kien ghamilulu hu l-mara tal-kunsillier Cortis.

2.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghall-minuti u talab li jkun jaf jekk ir-rapport tal-perit dwar Hal Mula kienx lest. Is-Sindku spjega li dan ma kienx lest anke habba l-fatt li hu stess talab lill-perit jikkoncentra iktar fuq il-materjal tal-press conference tal-PPP.

2.3.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal press conference tal-PPP fejn l-Onor. Dr. Chris Said kien qal li l-applikazzjonijiet tal-PPP gew evalwati skond l-ordni kronologiku li bihom dahlu. Il-Kunsillier Ciantar ressaq fuq il-mejda mistoqsija parlamentari mill-Onor Philip Mifsud fejn il-Prim Ministru wiegeb li sat-8 ta' Gunju l-Kunsill ta' Haz-Zebbug kien ghadu ma applikax ghall-PPP.

2.3.2. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li l-applikazzjoni tal-Kunsill saret f' darbtejn sabiex jizdiedu numru ta' toroq mal-applikazzjoni originali u probabilment il-mistoqsija parlamentari saret f' dan iz-zmien ta' transizzjoni. Il-Kunsillier Mario Borg ikkummenta li la darba l-applikazzjoni tal-Kunsill giet approvata kien sinjal li l-affarijiet saru kif suppost u kien hemm hin bizzejjed biex l-applikazzjoni tigi processata.

2.3.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf jekk il-Kunsill kienx qieghed jipprova jinkludi mal-iskema tal-PPP l-ewwel set ta' toroq li kien se jaghmel il-Kunsill qabel ma dahlet din l-iskema. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li dawn it-toroq kienu jkunu ga lesti li kieku l-WSC ma talbitx flejjes kbar

ghal-bdil tal-mains tal-ilma. Is-Sindku kompla jispjega li fuq it-toroq imsemmija mill-kunsillier Agius kien ga jezisti kuntratt u ghalhekk kien qieghed jistenna gwida mid-dipartiment fuqhom. Is-Sindku spjega li filfatt fil-kaz ta' triq il-Buskett il-Kunsill ma kienx se jahdem skond il-PPP.

2.3.4. Is-Sindku Alfred Grixti informa lill-Kunsill li dwar triq il-Buskett kellu laqgha mal-kuntrattur li kien ircieva l-ordni tal-xoghol sabiex jaghmel id-drenagg, izda kien hemm xi zbalji fil-pjanti. Is-Sindku spjega li skond il-pjanti mressqa d-drenagg kienu se jghadduh minn naha tar-razzett ta' missier il-kunsillier Agius u mhux kif miftiehem originarjament minn hdejn il-post il-gdid ta' Lippu tal-Attrans, filwaqt li kien hemm dubji kemm l-istima mressqa kienet tkopri bicca biss tat-triq jew it-triq kollha.

2.3.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li hu jhoss id-dmir li l-Kunsill ma jistax jibqa jistenna u jrid jaqbad u jaghmel resurfacing minghajr ma jinbidlu mains jew drenagg u kollox jibqa kif inhu.

2.3.6. Il-Kunsillier Rosario Cortis fakkar lill-Kunsill fuq il-posizzjoni tal-Kunsill li la l-Kunsill ma jinghatax fondi specifikament ghal bdil ta' mains jew drenagg, ma kienitx responsabilta tal-Kunsill li jaghmilhom. Il-Kunsillier Rosario Cortis kompla jghid li l-kuntrattur ghandu jaqbad u jibda x-xoghol minn naha tac-cimiterju fejn mhux se jsir drenagg. Is-Sindku wiegeb li l-kuntrattur ma jistax iqassam it-tqaxxir f' zewg partijiet. Il-Kunsillier Cortis qal li fuq dan l-argument kien hemm decizjoni ta' kunsill li mhux qed tigi attwata. Is-Sindku wiegeb li l-kuntrattur ma jistax jahdem jekk qabel ma jinharigx il-permess u staqsa lill-kunsilliera kienux lesti li jerfghu ir-responsabilta tal-multa ta' €5,000 li jaqla' l-kuntrattur. Il-Kunsillier Rosario Cortis ippropona li allura ghandha ssir laqgha bejn il-Kunsill u z-zewg ministry kkoncernati.

2.3.7. Il-Kunsillier Mario Borg issuggerixxa li jsir intervent iehor fejn din id-darba jkun hemm prezenti ghal-laqgha l-Onor Dr. Chris Said.

2.3.8. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-ikbar argument tal-kunsill ma kienx fuq id-drenagg li se jithallas kollu kemm hu mill-WSC izda fuq il-bdil tal-mains. Is-Sindku spjega li huwa ma kienx jaqbel mal-kwotazzjoni ta' €12,000 u din kellha tigi riveduta sabiex tinkludi l-partijiet tat-triq li fihom ir-residenzi biss.

2.3.9. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li huwa kien tal-parir li l-Kunsill jiltaqa direttament mal-ministri responsabli u l-Kunsill ghandu jinsisti li jkollu kollox bil-miktub. Il-Kunsillier Mario Borg ikkummenta li bhalissa fuq dan l-argument kien ghaddej kunflitt bejn is-Segretarjat u l-Wsc.

2.3.10. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab li jkun jaf kif dan il-kaz kien se jaffetwa t-toroq li se jsiru taht il-PPP. Is-Sindku spjega li fid-dokumenti tal-PPP kien hemm imnizzel car li dak ix-xoghol li huwa ppjanat minn entitajiet ohrajn

irid isir a spejjez taghhom. Il-Kunsillier Rosario Cortis wiegeb li dak li hu tajjeb ghal PPP huwa tajjeb ghat-toroq l-ohrajn.

2.4. Il-laqgha giet sospiza fis-7.25pm u l-Kunsill dahal fi stadju ta' kumitat sabiex isir prezentazzjoni minghand l-APS consult.

2.5. Il-Kunsillier Mario Borg talab li jkun skuzat. Huwa telaq fit-8.05pm.

2.6. Il-laqgha tkompliet fit-8.30pm.

2.7.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li wara l-prezentazzjoni minghand l-APS consult il-pass li jmiss kien li l-Kunsill japprova l-ispiza ta' €4,000 sabiex isir l-feasibilty study sabiex l-applikazzjoni tal-kunsill tkun kompluta.

2.7.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li kien jidher car li kulhadd kellu l-posizzjoni tieghu fuq is-suggett. Huwa spjega li l-idea fil-kuntest taghha tghogbu, izda jixtieq li minnha jgawdu z-Zebbguin kollha ghalkemm jifhem il-kuntest taghha. Il-Kunsillier Agius spjega li se jivvota kontra ghax kienu se jintefqu l-flus minghajr l-go ahead tal-Housing Authority u minghajr ma' l-kunsill jaf ir-rieda tar-residenti.

2.7.3. Il-Kunsillier Philip Said ikkummenta li din kienet opportunita tajba ghal-lokal u peress li l-Kunsill kien se jahdem fil-parametri li joffri l-gvern hu kien jaqbel li l-Kunsill jahdem sabiex igawdu z-Zebbugin minn dan il-progett.

2.7.4. il-Kunsillier George Cortis qal li huwa favur tal-progett izda qabel xtaq jara li r-residenti jaqblu wkoll, ghalhekk peress li ma kellux din f' idejh kien se jivvota kontra.

2.7.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li huwa kien tal-opinjoni li l-Kunsill jibqa miexi bil-feasibility study u fl-istess hin jinbeda process sabiex il-Kunsill jigbor il-feedback tar-residenti sabiex il-progett ma jintilifx.

2.7.6. Il-Kunsillier Duncan Bartolo qal li l-feasibility study kien parti mill-progett u ma jfissirx li zgur kien se jigi approvat, u anke jekk il-progett jigi approvat il-Kunsill xorta jista jaghzel li ma jaghmlux jekk jara li r-residenti ma jaqblux mieghu.

2.7.7. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li jghid x' jghid hu, il-Kunsill xorta wahda kien committed mal-APS consult. Huwa kompla jghid li jekk jieqaf illum il-Kunsill kien jiffranka biss xi €2,000. Huwa kompla jghid li l-vot tal-llum ma kienx ifisser li l-progett ha jsir bilfors u ghalhekk il-Kunsill ikollu c-cans li jara n-nies x' iridu.

2.7.8. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni fejn jipproponi li l-Kunsill jawtorizza l-hlas ghall-feasibility study ghall-applikazzjoni tal-panelli fotovoltajici inkluz

il-hlasijiet tar-rapport tal-inginjier li ghadu ma wasalx. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Dominic Cutajar. Ittiehed vot;
**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Joe Ciantar, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Il-Kunsilliera Emanuel Agius u George Cortis

**Astensjonijiet;** Hadd

.

Il-mozzjoni giet approvata (55).

2.8.1. Tkompliet id-diskussjoni dwar Triq il-Buskett. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li huwa jaqbel li ssir laqgha mal-ministri sabiex tigi ccarata l-posizzjoni tal-kunsill fid-dawl tal-PPP. Is-Sindku kompla jghid li ha jsir co-ordination meeting fejn jigu ccarati ezatt fejn se ssir it-trinka tad-drenagg u jekk l-istima prezentata lill-kuntrattur kienitx tinkludi t-triq kollha jew le.

2.8.2. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf b' liema kriterju ntghazlu t-toroq tal-PPP li gew approvati. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill kien intalab jaqsam it-toroq fi tlett settijiet skond zoni geografici; Hal Mula, Hal Muxi u tal-Grazzja. Is-Sindku kompla jghid li peress li fuq iz-zona tal-Grazzja kien hemm diga tender ezistenti l-kunsill kien ghadu qieghed jistenna gwida mid-dipartiment ta' kif ghandu jimxi f' dan il-kaz, allura l-ewwel li gew approvati kien t-toroq fiz-zona ta' Hal Mula. Is-Sindku qal li kien tort tal-WSC li t-toroq tal-Grazzja ma kienux diga lesti. Is-Sindku rrimarka li ghalkemm jirrikonoxxi l-bzonn urgenti fiz-zona tal-Grazzja, hadd ma jista jghid li Hal Mula mhux dizastru wkoll. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ilu tlett legislaturi ma jaghmel xoghol f' Hal Mula.

2.8.3. Il-Kunsillier George Cortis wiegeb li taht is-Sindku Brian Bonnici lanqas patching qatt ma sar f' tal-Grazzja u kien hu li kellu jirranga mal-Ministru biex isir xi konkoss. Is-Segretarju wiegeb li dak li qal il-kunsillier Cortis ma kienx korrett, kien sar patching diversi drabi kemm mill-kuntrattur tal-kunsill kif ukoll il-works division. Xhieda ta' dan kien hemm ircevuti u ritratti tax-xoghol qieghed isir.

2.8.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill ihejji laqgha mal-ministri kkoncernati sabiex tigi diskussa l-posizzjoni tal-Kunsill vis a vis l-WSC fid-dawl tal-progett tal-PPP u li fil-laqgha ta' ko-ordinazzjoni li kienet se ssir mal-WSC il-Kunsill il-kunsill jiddiskuti fejn ghandha tigi t-trinka tad-drenagg u jirrisolvi s-sitwazzjoni tal-mains tal-ilma minghajr ebda pregudizzju ghall-porgett tal-PPP. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-Mozzjoni giet approvata (56).

2.8.5. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li xorta wahda fil-fond ta' qalbu jhoss li l-Kunsill m' ghandu johrog l-ebda flus.

2.9.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsill il-bzonn li jsiru traffic lights fi tlett punti f' Mdina road sabiex jigi kontrollat l-access u l-hrug ghal Haz Zebbug sabiex jigu evitati l-kongestjonijiet li jinholqu b' mod regolari. Ghalhekk kien qieghed jissuggerixxi traffic lights hdejn is-St. Dorothy's, hdejn il-pompa l-antika tal-petrol, u fil-bidu ta' Siggiewi Road. Kien hemm qbil dwar dan.

2.9.2. Il-Kunsillier Ciantar semma li fiz-zmienu kien sar studju tat-traffic flow f' Mdina road. Il-Kunsillier Rosario Cortis wiegeb li studju simili jahdem kontra l-kunsill ghax il-kwantita ta' traffiku ghaddej minn Mdina road huwa hafna ikbar minn dak li jigi biex johrog minn Haz-Zebbug. Il-Kunsillier Ciantar ikkummenta li l-Kunsill ghandu jiehu azzjoni u jipprotesta billi xi darba filghodu jmorru l-Kunsilliera u joqghodu jhaddmu l-pelican lights li hemm ezistenti halli jaghtu c-cans lit-traffiku johrog minn Haz-Zebbug.

2.9.3. Kien hemm qbil li ma punt 9 tal-agenda jizdied il-punt tal-Kunsillier Rosario Cortis ta' aktar parking bays ghad-diskussjoni tal-Kunsill.

Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti li l-pagamenti kuntrattwali mressqa fi skeda A tal-vot tal-flus jigu approvati filwaqt li skeda B tigi diskussa fil-laqgha ta' wara.

Il-laqgha spiccat fid-9.50pm. Il-laqgha giet aggornata ghal nhar il-Hamis 16 ta' Settembru 2010 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |